# 18. Għanja lil-Lumija

Egħruqek twal, bħal dawk ta' siġar oħra,
ma jerdgħu minn ġo l-art is-semm li joqtol,
inkella l-ħalib ħorr li jtella' nfafet
f'kull id li tmissu;

U l-friegħi tiegħek b'weraq żgħir mogħnija,
tulek ja sena, qatt ma rmew minn sidrek,
bħal l-arżnu u ċ-ċipress, lewż niexef qoxqox,
bla demm, bla laħam.

Iżda tal-Qamar ġdid ħabiba kbira
daqs kieku żewġek, ma' kull dehra tiegħu
ifawwar minn ġo fik in-nwar imfewwaħ
abjad bħall-kwiekeb:

Minn xah'r għal xah'r kull fergħa tiegħek mgħawġa
bl-egħnieqed lewn id-deh'b tal-lumi mlaħħam,
mogħni bil-meraq fin, duwa tal-ġisem
marid u qawwi.

Lumija tagħna, sew bħan-nagħ'ġ u l-baqar,
Int dejjem f'darna; ġewwa l-ġnien imwarrba
minn sidrek il-ħalib inixxi dejjem
is-sena sħiħa;

U jekk sabiex nisquk l-ilma tas-saqwi
idamdam ġewwa l-bir u l-grabja tixgħer
tul nofs ta' nhar, tal-wieħed li nagħtuk
troddilna mija.